# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru 2016**

**Ċitazzjoni Numru: 41/2000 PC**

**Lesley Mc Nichol kemm f'isimha proprju kif ukoll bħala mandatarja ta' binha minuri James F. Mc Nichol, u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2004 l-atti ġew trasfużi f'isem Margaret Buttiġieġ bħala mandatarja tal-imsiefra Lesley Mc Nichol**

**vs**

**Michelle Buttiġieġ, u b'digriet tat-3 ta' April 2014 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem John Buttiġieġ, Phyllis mart Angelo Bajada u Vivienne Catania minflok Michelle Buttiġieġ stante l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi proprio et nomine, wara li ppremettiet:

Illi fis-sitta u għaoxrin (26) ta' April tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999) bin l-attriċi u ċioe l-minuri James F. Mc Nichol safa gravement ferut per konsegwenza ta' inċident stradali illi seħħ fi Triq il-Kbira, Sannat, Għawdex;

Illi l-inċident seħħ meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni BBF 973 u tajjar lil James F. Mc Nichol li dak il-ħin kien qed isuq ir-rota tiegħu;

Illi kawża ta′ l-inċident stradali hawn fuq imsemmi James F. Mc Nichol sofra feriti gravi ferm f′ġismu tant illi kien fil-periklu li jitlef ħajtu;

Illi l-ġrieħi li sofra James F. Mc Nichol ħallewh ibat minn debilita′ permanenti kif sejjer jirriżulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi l-attriċi pro et noe sofriet danni emerġenti kif ukoll lukri cessanti kawża ta′ l-istess inċident stradali;

Illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident stradali hawn fuq imsemmi minħabba imperizji, sewqan eċċessiv, traskuraġni u nuqqas ta′ ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi għalkemm il-konvenut kien interpellat permezz ta′ ittra uffiċċjali mibgħuta fl-erbgħa (4) ta′ Jannar tas-sena elfejn (2000) sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attriċi pro et noe, huwa baqa′ dejjem inadempjenti;

Illi l-attriċi pro et noe trid illi tiġi kkumpensata għal dawn id-danni.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m′għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara lilek konvenut unikament responsabbli għall-imsemmi inċident stradali;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi pro et noe billi tiddikjara illi jikkonsistu f′dawk id-danni emerġenti u lukri cessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni kif hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta′ l-ittra uffiċċjali mibgħuta fl-erbgħa (4) ta′ Jannar tas-sena elfejn (2000) u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa l-konvenut qed jiġi nġunt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-attriċi debitament ikkonfermata minnha.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa:

1. Illi ċ-ċitazzjoni odjerna hija nulla u dana peress illi Lesley Mc Nichol ma tista′ qatt tidher f′din il-kawża bħala "mandatarja" ta′ binha minuri James F. Mc Nichol imma se mai fil-kwalita′ tagħha ta′ "leġittima rappresentanti" u mhux "mandatarjua" tal-istess minuri;
2. Illi fil-mertu u mingħajr ebda preġudizzju għal premess, il-konvenut bl-ebda mod u manjera ma huwa responsabbli għal inċident stradali imsemmi fiċ-ċitazzjoni, liema inċdient ġara unikament tort u ħtija tal-

istess James F. Mc Nichol li kien qiegħed isuq bicycle b'traskuraġni grassa u mingħajr ebda attenzjoni għat-traffiku li kien għaddej fit-triq prinċipali u ċioe f'Main Street;

3. Ili fil-fatt il-konvenut kien qiegħed isuq bil-mod u bid-diliġenza kollha minnu rikjesta fil-liġi meta ħabta u sabta ħareġ il-bicycle misjuq mill-minuri, James F. Mc Nichol minn wara żewġ trakkijiet li kienu pparkjati fil-kantuniera mingħajr ma żamm "a proper look out" għal vetturi li kienu fit-triq prinċipali bir-riżultata li l-istess minuri baqa' dieħel fil-mudguard ta' quddiem tan-naħa tax-xellug tal-vettura misjuqa mill-konvenit;

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut maħlufa tal-minnu.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Ġunju 2016 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar ir-responsabilita' għall-inċident mertu tal-kawża.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din ir-responsabilita'.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża titratta inċident stradali fejn il-minuri James Frederick Mc Nichol, tifel ta' madwar tnax il-sena, korra b'mod gravi waqt li kien qed isuq *bicycle* u safa investit minn *pick–up truck* misjuq mill-konvenut, illum mejjet, hekk kif ħareġ minn triq sekondarja għal fuq triq prinċipali.[1] Din is-sentenza, bi qbil bejn il-kontendenti,[2] hija limitata għal deċiżjoni dwar ir-responsabilita' għal dan l-inċident. L-attriċi qed tattribwixxi ħtija għal dak li ġara fuq il-konvenut, għax fil-fehma tagħha dan ma żammx *a proper look out* hekk kif kien qed javviċina l-kantuniera tat-triq li minnha kien ħiereġ it-tifel bil-*bicycle*, ma daqqx il-*horn* u lanqas naqqas mill-veloċita' li kien għaddej biha.[3] Min-naħa l-oħra l-konvenut isostni li t-tort kien kollu tat-tifel li baqa' ħiereġ minn triq sekondarja għal triq prinċipali, mingħajr ma waqqaf biex jesplora jekk kienx ġej traffiku minn hemm.[4]

Mhux kontestat li Triq il-Kbira, Sannat, fejn seħħ l-inċident, hija t-triq prinċipali meta pparagunata ma' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 minn fejn kien

[1] Ara kopja tal-iskizz tal-inċident redatta mill-A.I.C. Guido Vella fl-inkjesta maġisterjali relattiva, esebita permezz tan-Nota tal-konvenut tal-25 ta' Novmbru 2015
[2] Ara verbal tal-udjenza tat-3 ta' Marzu 2016
[3] Ara Nota tal-Osservazzjonijet tal-atturi tad-9.06.2016
[4] Ara Nota tal-Osservazzjonijiet responsiva tal-konvenut tat-2 ta' Settembru 2016

ħiereġ it-tifel riekeb il-*bicycle* tiegħu.[5] Kif jispjega ic-**Charlesworth**: "*When coming from a side road, the driver or rider of a vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety. There is no principle of law that a driver was entitled to merge blind, from a minor road to a major road, by his inching forward beyond his line of vision, without liability to other traffic on the major road... The effect of these rules is that, although the vehicle on the minor road must give way to the vehicle on the major road it is also the duty of the vehicle on the major road, when approaching a minor road, to do so with caution. Should the possibility of danger be reasonably apparent, then for the driver of the vehicle on the major road to take no precautions in such circumstances would be negligence. On the other hand, a driver on the main road has no duty to take his foot off the accelerator pedal and poise it over the brake pedal just in case a car, which is being driven dangerously, might cut across his path, its having emerged out of a side road without stopping, unless it ought to have been apparent to him that the danger of collision was more than just a mere possibility.*"[6]

Il-qrati tagħna kellhom diversi okkazzjonijiet ifissru l-obbligazzjonijiet ta' sewwieqa li jiltaqgħu fuq inkroċju bħal dan. Hekk insibu l-Qorti tal-Appell tispjega li l-prinċipji ta' dritt involuti f'tali ċirkostanzi huma li:

*"(1) is-side-road user ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, u jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha, u li jimxi dead slow, u sahansitra li jwaqqaf, biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. Il-main road usur ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent fil-cross roads, imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-side road user, ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi fuq triq dritta – (Maggur Alfred Stagno Navarra vs Nicola Saliba et., App.Civ. 27 ta' Novembru 1961; Mark Sammut vs Maryse Germaine de la Fargue, 2 ta' April 1976);*

*(2) Dan il-principju jekkeggja dak li kien intqal f'sentenza anterjuri, u cjoe, illi 'min ikun isuq korozza u jasal biex johrog fit-triq principali, ghandu l-obbligu li qabel jesplora tajjeb it-traffiku transitanti fuqha; dan ma jfissirx illi min ikun isuq fi triq principali huwa dispensat mill-obbligu ta' kull road user li juza d-diligenza mehtiega fis-sewqan, imma l-obbligu ta' min ikun hiereg fuq it-triq principali huwa innegabilment akbar.' (Major Roger Leigh Trapnell nomine vs Emmanuel Muscat, Prim Awla, Qorti Civii, 26 ta' Gunju 1946 per Imhallef Harding);*

*(3) 'L-esplorazzjoni da parti tas-side road user ghat-traffiku transitanti fuq triq pincipali (multo magis fejn f'dan il-kaz kellu 'Stop Sign') ma hijiex limitata ghal waqfien f'tarf l-inkrojcu, imma inoltre dan ghandu jikkalkola jistax jaqsam wara li jistma l-velocita' tal-vetturi li jkunu qed joqorbu lejn l-inkrojcu fit-triq principali' (Alexander Bartolo vs Kalcedon Micallef, Prim Awla, Qorti Civili, 16 ta' Frar 1972). L-obbligu tieghu kien illi jieqaf zoptu wara l-linja indikata ma' l-art bhala limitu li oltre minnha hu ma setax isuq jekk mhux wara li jkun assigura ruhu li t-*

[5] Ara site plan tal-lokal tal-inċident, formanti parti mir-relazzjoni tal-perit tekniku l-A.I.C. Giduo Vella fl-atti tal-inkjesta relattiva

[6] Charlesworth on Negligence; 7th ed. 1983 p.689

*triq principali kienet ghal kollox 'clear' (Aldo Cutajar vs Charles Magro, Appell, sede Inferjuri, 27 ta' Ottubru 2000);*

*(4) Tibqa' pero' dejjem valida wkoll l-osservazzjoni illi 'l-main road user m'ghandux, unikament ghax u bhala tali, xi brevett ta' immunita' minn kwalunkwe responsabilita' f'kull infortunju stradali li fih kien ikun ko-involt side road user.' (Lawrence Montebello vs Vincent Gatt, Appell Civili, 19 ta' Awissu 1966).* [7]

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami nsibu li t-tifel **James Mc Nichol** jammetti mal-esperta legali nominata fl-inkjesta relattiva, xi żmien wara li kien seħħ l-inċident, peress li kien għamel perijodu twil rikoverat l-isptar għall-kura, illi:

*"I remember going out of the house to buy some fresh cream from a grocer. I came down on the road and when I came to the main road, I slowed down. I could not stop right away but rather slow down because I had problems with my brakes. The brake locks had been eaten away and they were rather hard. I just used to slow down instead of stopping.*

*I remember two vans which were parked near the site of the accident in the corner. I did not hear the sound of the van driving, which van eventually hit me.*

*I had the bike since Christmas because it was a Christmas present. The brakes were becoming weaker by the third week and I had been to check what needs to be done about it and I intended to fix my brakes but never went round to do it. Sometimes I did put down my foot on the ground or on the back wheel to stop the bike. I did not have a habit of doing this but sometimes I did.*

*I do not remember anything else after the impact."* [8]

Il-konvenut, **Michelle Buttigieg** da parti tiegħu, qal lill-istess espert legali, dakinhar stess tal-inċident li:

*"Jiena kont qed insuq it-truck Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni BBF 973 f'Main Street, Sannat, Ghawdex, ghall-habta ta' 11.45 a.m. Mieghi fit-truck kien hemm marti Maria Buttigieg.*

*Jiena ma kontx qed insuq mal-linja tieghi ghax kien hemm truck ipparkjat fit-triq. Dan it-truck kien tal-ghodda ghax kienu qed jaghmlu bejt. Jiena nispjega li minhabba l-vettura li kienet ipparkjata kelli nzomm ma' nofs it-triq.*

*Jiena rajt lit-tifel fuq ir-rota hiereg mit-triq tan-naha tax-xellug tieghi, li hareg minn wara t-truck ipparkjat. Jiena zammejt il-brakes malli rajtu. Dak il-hin kont f'nofs it-triq.*

---

[7] Qorti tal-Appell Inferjuri: Anthony Cassar vs Joel Hili, 26.04.2006

[8] Ara fol.24 tar-rapport peritli tal-avukat dottor Georgina Scicluna

*Mal-habta nahseb li t-tifel habat fuq il-bonnet ghax hemm taghtina fuqu...”* [9]

Il-perit tekniku **l-A.I.C. Guido Vella**, nominat ukoll fl-inkjesta maġisterjali relattiva, fir-rapport tiegħu ta spjegazzjoni dettaljata ta' dak li seta' jikkonstata fuq il-post tal-inċident ftit wara li seħħ:

*“2. L-incident gara fil-post fejn Triq l-10 ta' Ottubru 1942, tisbokka f'Main Street, Sannat. Triq l-10 ta' Ottubru ghandha pendil (fall) lejn Main Street, filwaqt li Main Street ghandha pendil (fall) hafif hafna fid-direzzjoni li fiha kien miexi t-trakk bin-numru BBF 973....*

*4. Fid-direzzjoni li fiha kien miexi t-trakk Main Street tinbidel minn pjazza zghira ghal triq wiesa bejn seba' (7) u seba' punt erbgha (7.4) metri, ghal tul ta' wiehed u ghoxrin metru punt tmienja (21.8m) sa fejn hemm kantuniera ffurmata minn bini fi stat ta' kostruzzjoni. Ma gemb din il-kantuniera kien hemm arblu tad-dawl imwahhal fl-art, li b'kollox kien jisporgi 'l barra mill-faccata hamsa u erbghin (45) centimetru. Hekk il-wisa tat-triq ta' seba' punt erba' metri jonqos ghal sitta punt disgha hamsa (6.95) metri f'dan il-post.*

*5. Wara din il-kantuniera hemm speci ta' dahla, ghal tul ta' xi sebgha punt tnejn (7.2) metri, sakemm wiehed jasal fil-kantuniera ma' Triq l-10 ta' Ottubru 1942. Din id-dahla sservi ta' forma ta' splay fil-kantuniera bejn iz-zewg toroq, u tghin hafna sabiex is-sewwieqa li jkunu fiz-zewg toroq jaraw lill xulxin fil-hin.*

*6. Gara izda illi din id-dahla kienet okkupata minn trakk kbir tal-bennejja, li kien merfugh fuq ir-roti tieghu kif ukoll fuq zewg outriggers, billi fuqu kellu armat Crane zghir. It-trakk… kien itwal mid-dahla u kien jisporgi b'xi erbghin (40) centimetru ' l barra ghal go Triq l-10 ta' Ottubru,1942. Barra minn hekk, fuq il-kaxxa tieghu kien hemm mazz kbir ta' twavel tal-injam tal-armar tal-bjut, liema mazz kien jisporgi xi sittin (60) centimetru aktar 'l barra mill-kaxxa tat-trakk ghal go l-istess triq. Hekk dan it-trakk CBC 434 kien qed itellef sew il-field of vision tal-bokka ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942, minn min kien ghaddej minn Main Street. Tifel ta' xi tnax-il (12) sena riekeb fuq rota certament ma kienx jidher minn wara dan it-trakk u l-armar li kien hemm fuqu, sakemm kien jitfacca f'Main Street.*

*7. Barra mit-trakk CBC 434 kien hemm trakk iehor li kien qed jintuza mill-bennejja li kienu qed jarmaw il-bejt tal-post tal-kantuniera. Dan it-trakk, bin-numru tar-registrazzjoni AAR 813, kien qieghed kollu kemm hu f'Main Street, bil-kaxxa tieghu miftuha u mghobbija bit-twavel tal-injam tal-armar tal-bjut, li kienu jisporgu minn gol-kaxxa tieghu. Minhabba fl-outrigger tat-trakk l-iehor CBC 434, dan it-trakk AAR 813 ma setax jitpogga aktar ' l gewwa lejn id-dahla.*

*8. Minhabba f'dan it-trakk AAR 813 Main Street kompliet tonqos fil-wisa' ghal xi hames metri punt hamsa (5.5m). Min kien qed isuq f'Main Street fl-istess direzzjoni tat-trakk BBF 973 ma setax jara l-bokka ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 qabel ikun kwazi ghadda lill dan it-trakk AAR 813.*

[9] Ibid. a fol. 34

*9. Fil-fatt il-brakemarks fuq l-asfalt niexef bdew bejn metru u metru punt sebgha (1.7) aktar lura mit-tarf tal-pakkett tal-injam ta' fuq it-trakk AAR 813, u cioe' fil-mument illi s-sewwieq tat-trakk BBF 973 seta' jara lit-tifel hiereg minn Triq l-10 ta' Ottubru 1942 fuq ir-rota.*

*10. Hekk ukoll it-tifel riekeb ir-rota ma setax jara lit-trakk BBF 973 gej minhabba fit-trakk AAR 813, sakemm kien hemm biss ftit metri bejniethom. L-esponent ma nnota ebda brakemarks jew indikazzjonijiet ohra li setghet halliet ir-rota fl-art…Id-daqqa fuq il-bonnet kienet aktar lejn it-tarf tax-xellug ta' quddiem tat-trakk, u dan kollu jindika li t-tifel lanqas kellu cans jghaddi minn quddiem it-trakk qabel ma wasal mieghu u laqtu. L-isteering tar-rota kien mghawweg lejn il-lemin in relazzjoni mar-rota ta' quddiem, indikazzjoni li t-tifel kien qed jikser lejn il-lemin meta intlaqat….*

*13. Fl-art fuq l-asfalt kien hemm roqgha demm frisk, f'distanza ta' xi sebgha punt tnejn (7.2) metri quddiem it-trakk BBF 973, fejn spicca t-tfajjel James Frederick Mc Nichol mixhut ghal tulu fl-art…"* [10]

**Toni Cauchi**, l-espert mekkaniku nominat ukoll f'dik l-inkjesta, wara li eżamina l-vettura misjuqa mill-konvenut, sab li din kienet f'kondizzjoni tajba, u in partikolari li "*l-brakes tajbin u jorbtu fuq erbgha.*"[11]

Huwa evidenti, li kif fisser il-perit Vella fir-relazzjoni tiegħu, il-viżwali sew tat-tifel kif ukoll tal-konvenut, kienet ostakolata biż-żewġ trakkijiet ipparkjati fil-kantuniera ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 ma' Triq il-Kbira, tant li ħadd minnhom ma ra lill-ieħor qabel ma kien tard wisq. Madankollu *ex admissis* it-tifel ma waqafx biex jesplora jekk kienx ġej traffiku minn Main Street, kif kien id-dover tiegħu li jagħmel, minkejja li dakinhar ma kienx hemm *stop sign* fit-tarf ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942, u baqa' ħiereġ għal ġo t-triq prinċipali. Għalkemm qal li naqqas il-veloċita' tal-*bicycle* tiegħu, jidher li lanqas minn dan ma kien ċert, għax kif fisser lill-avukat Scicluna, peress li l-brakes tal-*bicycle* tiegħu kienu difettużi, "***Sometimes I did put down my foot on the ground or on the back wheel to stop the bike. I did not have a habit of doing this but sometimes I did.***" Terġa' billi, kif indika l-perit Vella, dik it-triq kienet għan-niżla, kien iżjed diffiċċli għat-tifel li jirrallenta.

Minn naħa l-oħra ma jirriżulta li kien hemm ebda negliġenza jew traskuraġini da parti tal-konvenut. Il-*brake marks* qosra imħollija mill-vettura tiegħu jindikaw li ma kienx qed isuq b'veloċita', tant li waqaf ftit wara li applika l-*brakes* b'saħħa f'tentattiv iddisprat li ma jolqotx it-tifel li ħabta u sabta tfaċċa quddiemu. Anke l-fatt li l-impatt jidher li kien iktar lejn ix-xellug tal-*bonnet* tat-truck, jindika li l-*bicycle* kien għadu kemm kemm xiref minn wara t-truck tal-bini li kien ipparkajt fil-kantuniera. Żgur li mhux il-każ li l-konvenut ma żammx *a proper look out*, kif issostni l-attriċi. Anzi jirriżulta li ħa l-*evasive action* li seta' hekk kif lemaħ il-*bicycle*. Lanqas ma kien mistenni li

[10] Ara relazzjoni peritali tal-A.I.C. Guido Vella fl-ati tal-inkjesta relattiva a fol. 112 -115 tagħha
[11] Ara rapport tiegħu a fol.108 tal-proċess verbal tal-magistrat inkwirenti

jieqaf għal kollox kif kien qed javviċina l-inkroċju, f'każ li xi ħadd ifettillu jaqbad u joħroġ għal ġo t-triq prinċipali u jostakolalu l-kareggjata tiegħu, għax kif fissier iċ-Charlesworth fil-bran hawn fuq ċitat, u fuq dan jidher li anke l-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kawża li l-Pulizija għamlet kontra l-konvenut qablet meta qalet:

*"Is-sewwieq tal-vettura li tkun fil-main road, ma jistax ikun li joqghod b'tali attenzjoni fuq is-side road b'mod li tirrendih perikoluz ghall-vetturi l-ohra. Wiehed irid jaghmel attenzjoni u jzomm 'a proper look out' ghal dak kollu li jista' jinqala' fit-triq, izda li taghmel hekk b'mod li tkun ghaddej bi speed verament baxx u tieqaf f'kull kantuniera fuq main road huwa ammontanti ghal sewqan perikoluz."*[12]

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan kien każ klassiku ta' **emergenza subitanea** li tfaċċat quddiem is-sewwieq tal-vettura misjuqa fit-triq prinċipali, meta it-tifel qabad u ħariġlu bil-*bicycle* minn wara t-trukkijiet li kien hemm ipparkjati fil-kantuniera ta' ma' Triq l-10 ta' Ottubru 1942. Dwar sitwazzjoni ta' emerġenza bħal din insibu jingħad fil-ġurispudenza illi:

*"Ghandu jizdied li d-difiza ta' 'sudden emergency' ma tistghax tigi sollevata b'success meta kien hemm qabel vjolazzjoni mill-parti tad-driver, ghaliex allura jkun hu stess li holoq l-emergency b'dik li tissejjah 'self created incapacity', inkwantokke' ma setghax izomm a tempo, appuntu ghaliex kien qieghed isuq bi speed zejjed. L-imputat ghalhekk ma ppruvax bl-ebda mod li l-ferut hareg f'daqqa wahda u f'hin meta hu, cjoe' l-imputat kien qed isuq bi speed ragonevoli."* [13]

Hekk ukoll insibu li:

*"Il-kaz li fih id-driver jista' jkun ezentat mir-responsabilita', hu dak biss li fih il-pedestrian, b'xi att inaspettat jew subitaneu jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu jkun qieghed lid-driver f'posizzjoni li anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment.* App. Krim Il-Pulizija vs C. Mifsud Vol 38 p 859; Pul. vs J. Vella 5.2.66; u Pul. vs J. Attard Portugħes 10.12.66."[14]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet: Il-Pulizija vs. Alfred Caruana deċiża fl-14 ta' Mejju 1955 stabbilit li:

*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'pozizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian".*

[12] Ara kopja tas-sentenza ta' dik il-Qorti fil-kawża "Il-Pulizija vs Chalone k/a Michael Buttigieg" tal-15 ta' Mejju 2002, esebita ma' n-Nota tal-konvenut tal-25 ta' Novembru 2015
[13] Appell Kriminali: Il-Pulizija vs Capt. A. Gera: 13.12.1968
[14] Prim' Awla: Joseph Mifsud pro et noe v Tania Craus

Fil-każ in eżami ma kellniex *pedestrian*, imma tifel fuq *bicycle*, imma l-prinċipji jibqgħu l-istess.

Għaldaqstant billi jirriżulta li għal dan l-inċident jaħti unikament James Frederick Mc Nichol, il-konvenut ma kellu ebda ħtija għal dak li ġara. Għalhekk ma jibqa' ebda skop għal xi ndaġini ulterjuri biex jiġu ttrattati t-talbiet dwar id-danni kkaġunati lis-sewwieq tal-*bicycle*. Konsegwentement, filwaqt illi tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talbiet tal-attriċi proprio et nomine, bl-ispejjeż kontra tagħha.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

26.10.2016 – Sup41.2000 – Mc Nichol Lesley vs Buttigieg Michelle
3201